2024/2192 7.9.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ (PESK) 2024/2192

**tas-27 ta’ Awwissu 2024**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta’ Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2112 (EUTM RCA/1/2024)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA’ SIGURTÀ,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610 tad-19 ta’ April 2016 dwar Missjoni ta’ Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/610, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (KPS) jieħu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-kontroll politiku u d-direzzjoni strateġika tal-Missjoni Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA), inkluż id-deċiżjonijiet dwar il-ħatra ta’ Kmandanti tal-Forza tal-Missjoni tal-UE.

(2) Fit-3 ta’ Ottubru 2023, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/2112 ([2]) li taħtar lill-Brigadier Ġeneral Cornel TONEA-BĂLAN bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA.

(3) Fis-17 ta’ Lulju 2024, l-awtoritajiet militari Rumeni ppproponew il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Nicolae-Gabriel OROS biex jieħu post il-Brigadier Ġeneral Cornel TONEA-BĂLAN bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA.

(4) Fit-2 ta’ Awwissu 2024, il-Kmandant tal-Missjoni tal-UE appoġġa l-proposta li saret mill-awtoritajiet militari Rumeni.

(5) Fid-9 ta’ Awwissu 2024, il-Kumitat Militari tal-UE rrakkomanda li l-Brigadier Ġeneral Nicolae-Gabriel OROS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA mis-27 ta’ Settembru 2024.

(6) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Brigadier Ġeneral Nicolae-Gabriel OROS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-EUTM RCA mis-27 ta’ Settembru 2024 u jenħtieġ li titħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2112,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Brigadier Ġeneral Nicolae-Gabriel OROS huwa b’dan maħtur il-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta’ Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) mis-27 ta’ Settembru 2024.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/2112 hija b’dan imħassra.

([1]) ĠU L 104, 20.4.2016, p. 21.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà (PESK) 2023/2112 tat-3 ta’ Ottubru 2023 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni tal-UE tal-Missjoni ta’ Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2022/1919 (EUTM RCA/1/2023) (ĠU L, 2023/2112, 5.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2112/oj).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-27 ta’ Settembru 2024. Għandha tapplika soġġett għall-adozzjoni ta’ deċiżjoni mill-Kunsill li testendi l-mandat tal-EUTM RCA lil hinn mid-19 ta’ Settembru 2024.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta’ Awwissu 2024.

*Għall-Kumitat Politiku u ta’ Sigurtà*

*Il-President*

D. PRONK